Dok 4

# Diskussjoni preliminari dwar il-possibbli leġislazzjoni fuq id-dħul tal-*cremation* f'Malta.

Avukat Hugh Peralta

15 ta' Novembru 2017

Preżentazzjoni lis-*Social Affairs Committee* tal-Parlament, Valletta

HUGH PERALTA B.A., LLD.
*Advocate*

3, Independence Square,
Valletta VLT 1520
Malta

Tel: +356 2122 4060 / 2124 04
Fax: +356 2122 02
Mob: +356 9943 2
E-mail: hperalta@hughperalta.c

## Index of Attachments

Local Legislation

1. Criminal Code : Chapter 9 (1854 et seq)
2. Burials Ordinance 1869
3. Addolorata Cemetery Ordinance, July 1870

Foreign Legislation

4. UK Cremation Act 1902
5. Disposizioni in Materia di Cremazione e Dispersione delle Cenere, 2001
6. Burial and Cremation Act, The Netherlands, 2015
7. The German Way of Death and Funerals

Religious Aspect

8. Cathecism of the Catholic Church
9. Cremation in the Christian World
10. No more scattering of cremation ashes Vatican 2016
11. Religion and Cremation
12. Thirteen different religious perspectives on cremation
13. List of Countries by Cremation Rate

Local social

14. "How burying the dead is polluting the living", *Times of Malta, 2016*

Diskussjoni preliminari dwar il-possibbli introduzzjoni ta' *"Cremation"* f'Malta.

**<u>Introduzzjoni</u>**

- Aspett Liġi Kriminali
- Aspett Liġi Ċivili

Oltre d-dfin, il-ħruq tal-kadavri kien mezz ieħor magħruf lil u użat mill-antenati tagħna, sa minn żmien il-preistorja dwar kif il-bniedem jiddisponi mill-istess.

Din is-sistema kienet u baqgħet tintuża fid-dinja b'dana pero illi bl-introduzzjoni tal-Kristjaneżimu, partikolarment fil-medjuevu kmieni, din bdiet tieqaf f'ċerti inħawi fejn il-Kristjaneżimu kien qed jiġi pprattikat; sussegwentement l-istess projbizzjoni daħlet fid-dinja taħt l-Islam. Il-kunċett illi għalih il-Kristjaneżimu kien qed joġġezjona għall-*cremation* kien il-għaliex kien hemm il-ħsieb illi dan kien qed isir sabiex jisfida t-twemmin reliġjus Kristjan illi l-bniedem jerġa jirxoxta bil-ġisem tiegħu fil-ġudizzju finali. Anedottu żgħir anakronistiku ta' dan hu dak li esprima Shakespeare (1599) f'"Julius Caesar" meta fid-diskors tiegħu Mark Anthony jgħid *"I come to bury Caesar not to praise him"*. In realta' Caesar kien b'imħabba maħruq miċ-ċittadini Rumani fil-Forum ta' Ruma, kapitali ta' l-Imperu. Pero fi żmien Shakespeare il-*cremation* kien m'għadux iżjed jiġi użat.

Il-kwistjoni dwar il-legalita' jew meno tal-*cremation* inqalgħet fl-Ingilterra prattikament tlett sekli wara iż-żmien ta' Shakespeare. U inqalgħet kif fil-fatt tista' wkoll tinqala awn Malta illum.

**Jekk wieħed f'Malta jiddeċiedi illi jaħraq il-kadavru ta' xi mejjet, ikun b'hekk qiegħed jikser il-liġi?**

Din id-domanda ġiet applikata f'Jannar 1884 fl-Ingilterra fil-proċess ta' ċertu William Price: ser nirreferi għal dan l-inċident bil-lingwa tal-istess:

*Cremation was forced into the law of England and Wales when eccentric Welsh doctor William Price attempted to cremate his dead baby son, Iesu Grist, at Llantrisant in January 1884 and was prevented from proceeding by local people. Later tried at Cardiff Assizes and acquitted on the grounds that cremation was not contrary to law, he was able to carry out the ceremony (the first in the UK in modern times) on 14 March 1884 with pagan prayers. On 26 March 1885 the first modern legal cremation in England took place, that of Mrs Jeanette Pickersgill of London, "well known in literary and scientific circles", by the Cremation Society at Woking, Surrey.*

Fil-liġi tagħna ma hemm ebda projbizzjoni ċara u tonda illi l-ħruq ta' mejjet imur kontra liġi partikolari. Insibu pero artikoli fil-Liġi Kriminali li jistgħu jiġu applikati f'tali każ: Art 239/240 li jgħid is-segwenti.

*Sub-title VI*

*OF THE CONCEALMENT OF HOMICIDE OR BODILY HARM, AND OF THE CONCEALMENT OF DEAD BODIES*

*Concealing body of person killed*

239. *Whosoever shall knowingly conceal the body of a person whose death has been caused by a crime, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from four to six months.*

*Concealing birth of child*

240. *Any person who, immediately after the delivery of a child, shall, by secretly burying or otherwise disposing of the dead body of the child, endeavour to conceal the birth thereof, shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term from four months to one year.*

Naħseb illi bħala prinċipju amministrattiv l-awtoritajiet ma jħarsux favervolment fuq att ta' *cremation* minn individwu. Iżjed u iżjed skond sistema li dak l-individwu jiddeċiedi li juża, u dana kemm partikolarment għar-raġunijiet ta' saħħa pero anke għal raġunijiet ta' kontrolli in ġenerali u gwida dwar aġir partikolari taċ-ċittadini f'pajjiżna f'dan is-settur.

Għalhekk għad-domanda jekk hux iżjed utili illi jkun hemm regolamenti li jkopru l-*cremation* mill-bidu sa l-aħħar, jew inkella li l-Gvern jagħti l-liberta' lill-individwu li jorganiżża l-istess *cremation* kif jixtieq, naħseb illi r-risposta għandha tkun li għal raġunijiet ta' buon ordni, dixxiplina, organizazzjoni u kontroll, inkluż protezzjoni għar-rigward ta' saħħa, ma hemmx dubju illi hu utili li jkun hemm regoli fuq u dwar il-*cremation* f'Malta.

Tajjeb illi ngħidu f'dana r-rigward illi din kienet ukoll l-atitudni ta' Gvernijiet oħrajn esteri.

Wieħed jista' wkoll jikkonsidra binarji paralleli f'dak li l-Amministrazzjoni f'Malta fil-passat għamlet għar-rigward tad-dfin. Di fatti f'dan il-qasam tad-dfin il-Gvern ipprovda leġislativament bil-*Burials Ordinance 1869* u fil-1870 bl-*Addolorata Cemetery Ordinance* – bir-regolamenti relatati - li illum ikopru l-attivita' ta' dfin f'Malta fl-intier tagħha.

Ir-regolamentazzjoni tal-*cremation* jista' għalhekk jimxi pari passu mar-regolamentazzjoni tad-dfin. Nista' pero nipprevedi li jista' jkun hemm ċerti diffikultajiet legali dwar il-*cremation* li illum ma jeżistux dwar id-dfin.

Hija prassi universali u aċċettata minn kull werriet u familjari illi jekk ma hemmx kundizzjoni espressa tal-mejjet (u kultant anke din tista' tiġi injorata) il-mejjet jiġi midfun. Fil-każ ta' *cremation* din hija introduzzjoni ta' metodu li forsi għal xi raġuni jew oħra mhux kullħadd jaqbel miegħu. X'jiġri f'każ illi werrieta f'numru ugwali, ma jaqblux jekk għandhiex issir *cremation* jew le? Wieħed għandu jaħseb li jkun hemm deċiżjoni minn terz, li tkun finali u meħudha malajr. *En passant* hawn tajjeb ukoll li nsemmu għar-raġunijiet ukoll prattiċi l-aspett finanzjarju u cioe illi dana għandu jkun ħafna viċin għal dak preżenti ta' dfin għax inkella ma hemm ebda inċentiva għaliex familja taddotta *cremation* minflok dfin.

Diffikulta oħra li l-leġislazzjoni li l-Parlament jippromulga għandha tiġi applikata fil-prattika mill-persuni involuti u għandha tiġi applikata skond ma jipprovdi l-leġislatur. Personalment u f'dan ir-rigward ta' applikazzjoni dejjem nisħaq fuq ir-rwol ukoll tal-Imħallfin i.e. li meta l-leġislazzjoni hija ċara dawn m'għandhomx dritt illi jbiddlu l-liġi kif huma jridu (Judge Made Law) u kif fil-fatt kultant jiġri kontra dak illi l-leġislatur stess jgħid inkluż b'daqqa ta' pinna għad-dannu finanzjarju tal-Gvern stess u ta' individwi, kif reċentement ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell.

B'rispett hu suġġerit illi issa wasal iż-żmien li similment bħad-dfin ikun hemm leġislazzjoni li tkopri l-*cremation*.

----------*----------

**<u>Liġijiet esteri dwar *Cremation*</u>**

Wara trapass ta' xi żmien, kemm-il darba Malta tieħu l-eżempji ta' pajjiżi illi ġja illeġislaw, u dana f'diversi kampi tal-Liġi: dan hu ta' benefiċċju għax nitgħalmu mill-iżbalji ta' oħrajn. Fil-leġislazzjoni tal-*cremation* insibu per eżempju (u qed nimxi fuq pajjiżi li Malta spiss issegwi) illi fl-Ingilterra din hija koperta bil-*UK Cremation Act 1902*; fl-Italja din hija koperta bil-*"Disposizione in Materia di Crimazione e Dispersione delle Cenere"*, 2001. Qed nannetti wkoll leġislazjoni tan-*Netherlands* u informazjoni dwar is-sistema fil-Ġermanja. Dawn il-liġijiet għandhom prinċipalment is-segwenti kapijiet li jkopru din il-leġislazjoni.

*UK Cremation Act 1902*

*Short title*

*Definitions*

*Burial authority may provide for cremation*

*Site of crematorium*

*Donations of land*

*Regulations as to burning*

*Forms of documentation for burning*

*Procedure for regulations*

*Penalties for breach of regulations, &c.*

*Fees*

*Saving for coroners*

*Incumbent not to be obliged to perform burial service*

*Fees may be fixed*

*Application of 10 & 11 Vict. C. 65. ss. 52 and 57*

*Repeal of local acts*

*Extent of act*

*Disposizioni in Materia di Cremazione e Dispersione delle Cenere, 2001*

*Oggetto*

*Modifiche all'articolo 411 del codice penale*

*Modifiche al regolamento di polizia mortuaria approvato con decreto del Presidente della Repubblic 10 settembre 1990, n. 285*

*Modifica all'articolo 338 del testo unico approvato con regio decreto 27 luglio 1934, n. 1265*

*Tariffe per la cremazione*

*Programmazione regionale, costruzione e gestione dei crematori*

*Informazione ai cittadini*

*Norme tecniche*

Jiena ħadt il-leġislazzjoni ta' żewġ pajjiżi u minn fuqhom wieħed jista' jara skema ossija *pattern* ta' ħsiebijiet u kunċetti li jservu bħala sisien għall-leġislazzjoni tagħna. Dawn huma preliminarji u wieħed imbagħad irid jidħol fid-dettal. Niżżilt xi *headings* a konoxxenza tagħkom, sabiex f'dan il-ħin, u fi stadju preliminari l-Parlament ikun jista' ikollu sisien li eventwalment jista' imbagħad jilleġiżla iżjed ampjament u fil-fond skond dak li jidirlu huwa l-aħjar. Ovvjament wieħed dejjem jista' jitgħallem, jimmeljora, iżid jew inaqqas skont il-każ kemm b'esperjenza kif ukoll b'eżempju ta' pajjiżi esteri.

Fuq dawn il-leġislatur jista' jikkostitwixxi il-konsiderazzjonijiet u bażi (simili), li fuqhom il-Parlament Malti jista' jibni il-liġi tagħna ta' *cremation*.

---------*---------

**Reliġjon Kattolika**

F'pajjiż fejn ir-reliġjon hija msemmija fil-Kostituzjoni leġislatur ma jistax ma jieħux in konsiderazzjoni – anke jekk ma jaqbilx ma' – is-sentiment lokali reliġjuż.

Preżentement ir-reliġjonijiet prattikament kollha ħlief l-Islam jippermettu l-*cremation*. Ir-reliġjon Kattolika tippermetti l-istess taħt kondizzjoni li ċ-ċeneri ma jiġux mormija iżda li jiġu wara miżmuma f'post sagru.

*"2301 Autopsies can be morally permitted for legal inquests or scientific research. The free gift of organs after death is legitimate and can be meritorious.*
*The Church permits cremation, provided that it does not demonstrate a denial of faith in the resurrection of the body."*

*– Cathecism of the Catholic Church – Geoffrey Chapman - 1994*

Fir-reliġjoni Ibrajka insibu *spectrum* ta' prassi differenti skond l-ortodosia jew meno tal-grupp in kwistjoni. Fil-Hindu u Buddiżmu ma hemm ebda kondizzjoni.

---------*---------

**Paragun internazzjonali**

Anke sabiex ikun hemm paragun ma' dak li qed jiġri madwarna, f'dinja li qed issir iżgħar kuljum insibu li l-*cremation* hi prattikata l-iżjed fil-Hindu/ Buddiżmu. Fil-Ġappun insibu li 99.97% - 2014 tal-imwiet ġew *cremated;* fiċ-Ċina 45.6% i.e. 4,534,000! iżda li issa kemm fl-Americas 70% u fl-Ewropa (Skandinavja 85%) dan il-metodu qiegħed jikber b'passi kbar. Għalhekk qed nannetti lista tal-pajjiżi fejn il-*cremation* hija permessa tant biex wieħed ikollu ideja ġenerali tal-prattika internazzjonali ta' dan il-metodu ta' kif wieħed jiddisponi minn kadavru.

---------*---------

**Konklużjoni**

Naħseb illi l-liġi ta' *cremation* hija essenzjali f'Malta meta wieħed jaf bil-limitazzjoni ta' spazju li hawn u bin-numru dejjem jiżdied tal-popolazzjoni sia Maltija sia barranija li jgħixu u ovvjament imutu wkoll f'Malta. L-aspett ta' tniġġis hu diskuss *f'attachment* 13 b'suġġerimenti ta' metodi oħra ta' *disposal*. Sintetikament bżonn soċjali hemm; projbizzjoni reliġjuża ma hemmx; użu internazzjonali hemm.

Nispera illi dawn l-idejat ikunu ta' għajnuna fil-konsiderazzjoniet tal-membri tal-Parlament dwar il-possibilita' ta' leġislazzjoni fuq dan is-suġġett.

---

Dr Hugh Peralta
15th November 2017
Parlament : Valletta

/cremation